**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U GĦOXRIN 17TA' NOVEMBRU, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **29.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 29.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **29.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 29.2.1 | | Fuq punt 28.2.3 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jrid iżid dan "l-vettura toħroġ wisq 'l barra u minħabba raġunijiet ta' sigurta ma jaqbilx ma' dan il-parkeġġ." |
| | | |
| 29.2.2 | | Fuq il-punti li tqajmu fuq punt 28.5.1 mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM ġie maqbul dan:<br>• Li jitpoġġew il-fjuri fuq il-monument ta' Santa Katarina f'Jum iż-Żurrieq - kien hemm qbil li jitpoġġew il-fjuri f'isem il-kunsill kollu.<br>• Il-baned jieħdu sehem fl-okkażjonijiet ta' Jum iż-Żurrieq u Festa Ħut – Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, qal li jekk il-Kunsill jagħti stalls lill-każini, għall-festa ħut, għandu jkun biżżejjed. Hu qal li l-baned mhux lokhom f'festa ħut u f'Jum iż-Żurrieq. Il-prezz li jżommu hu ta' madwar elf u nofs Euro. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li bil-prezz li l-Kunsill jagħti lis-soċjetajiet, aħjar jagħtihom lill-Orkestra taż-Żurrieq per eżempju. Ma jarax li l-Kunsill għandu jintrabat b'mod fiss xi jrid jagħmel.<br>• Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jieħu deċiżjoni fissa.<br>• Fir-rigward tal-palm fir-roundabout tad-daħla taż-Żurrieq, saret tfakkira lill-Kuntrattur biex dawn jinqalgħu.<br>• Fir-rigward ta' tiżjien ta' dawl tal-Milied - kien hemm qbil li t-tiżjien tal-Kunsill jibda jsir wara l-festa tal-25 ta' Novembru. |
| | | |
| 29.2.3 | | Fir-rigward ta' punt 28.6.3 il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa fuq il-Kuntrattur tal-knies. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill naqqas ġimgħa paga lill-Kuntrattur, ta' dik il-ġimgħa li fiż-Żurrieq kien hawn kennies nieqes. Wara dik il-ġimgħa, fiż-Żurrieq kien hawn 3 kenniesa minflok tnejn u dan ikkonfermatu ukoll is-Sindku. |
| | | |
| 29.2.4 | | Fuq punt 28.6.4 il-Kunsillier Joseph D'Amato, qal li staqsa fuq il-*fire point* jekk il-Kunsill għandux risposta fuq il-ħlas tal-art. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. |
| | | |
| 29.2.5 | | Fuq punt 28.6.4 fl-aħħar paragraph, il-Kunsillier Joseph D'Amato, qal li kieku kien ra li kien hemm 5 persuni li qablu mal-email tal-konsulent tal-Kunsill fuq il-PA, ma kien jitkellem xejn. |
| | | |
| 29.2.6 | | Fir-rigward ta' punt 28.6.5 fuq il-punt ta' klassijiet tal-yoga, l-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li l-ewwel xahar, il-klassijiet isiru bi prova u bla ħlas, imma l-instructor titħallas 20Euro għal kull sezzjoni. Għall-post issuġġerixxa s-sala fil-klabb tal-football taż-Żurrieq. Kien hemm qbil li l-Kunsill ifittex post adekwat u titressaq il-proposta b'email. Kien hemm qbil ukoll li n-nies li ser jattendu l-klassijiet jibdew iħallsu mill-bidu tas-sezzjonijiet. Il-ħlas għal kull sezzjoni għandha tkun ta' bejn il-5Euro u 6 Euro. |
| | | |
| 29.2.7 | | Ġew approvati l-minuti tat-tminja u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***29.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 29.3.1. | | Is-Sindku qalet li l-Kunsill taż-Żurrieq hu l-aktar kunsill li ġabar fondi għal fun run. Hi rringrazzjat lill-Kunsilliera li taw l-għajnuna tagħhom fiż-żewġ nofstanhari li għamlu magħha fuq iz-zuniter tal-knisja, biex setgħu jbiegħu aktar applikazzjonijiet għal fun run. |
| | | |
| ***29.4*** | | ***PA7578/21 Passaġġ bejn il-Garden of Eden u l-Munqar (ser ikunu preżenti sid l-art u l-konsulent tal-Kunsill)*** |
| | | |
| 29.4.1 | | Il-Konsulent tal-Kunsill introduċa lis-sid ta' art li għandha jgħeddijiet legali fuq parti mill-passaġġ li minn Triq il-Barrieri, jgħati għal kosta u lill-perit tas-sid. Hi |

| | | |
|---|---|---|
| | | qed issostni li għandha jgħedd fuqha u l-applikazzjoni hi li l-art tingħalaq u tinżera bis-siġar u tħalli passaġġ ta' 0.90mtrs. Bħala kunsill l-interess tiegħu hu interess komunitarju u mhux fuq diżgwiet bejn terzi.<br><br>Il-perit tas-sid, qal li tefa l-applikazzoni mal-PA fuq art private. Hu qal li mhemmx ġust fuq l-art u hemm sentenza fil-qorti li tgħid li l-passaġġ hu kollu kemm hu tas-sinjura. Il-Perit qal li Garden of Eden, b'sentenza tal-Qorti, għandu kmand li jagħlaq it twieqi u l-bibien kollha li jagħtu għat triq, għax it-triq hi privata. Il-perit qal li l-art mhix espropjata mill-gvern biex tintuza għall-pubbliku u l-art mhix f'public scheme road. Fit-tarf tas-sit il-perit qed jipproponi li ssir gate imma l-qorti ġalgħet lis-sid biex jgħalaq it-triq b' gate u jħalli 0.9mt passaġġ tar-riġel biex ikun jista jgħaddi ħaddieħor.<br><br>Is-sid ser iġib lura l-post għal li kien fis-sena 1982, peress li din ġiet meħuda minn terzi u dan għamel it-triq minn flusu.<br>Is-Sid aċċertat li ser tħalli aċċess biex dawk li jridu jaċċessaw l-għelieqi, lil dawk li jmorru jimxu u lill-kaċċaturi u oħrajn ser ikollhom aċċess li jgħaddu. Din ser tibqa miftuħa għal kulħadd.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kyle Mifsud (ħin 19:40)<br><br>F'dan il-ħin is-sid u l-perit ħarġu mis-seduta u baqa għad-diskussjoni l-konsulent tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal, li hu żgur ma jridtx ikun punt ta' dan id-delitt ta' għeluq ta' aċċess għall-pubbliku. Hu qal li l-Kunsill hu Gvern Lokali, u meta niġu affaċjti b'każ bħal dan, il-Kunsill għandu jwieġeb. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jitlob lill-Gvern biex jesproprija s-sit ħalli t-triq tibqa bl-istess wisa. Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qablet mal-Kunsillier Dino Bonnici anke għall-fatt li t-triq ilha f'dik is-sitwazzjoni aktar minn 30 sena. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu joġġezzjona.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li għal ġid komuni, l-Kunsill jitlob lill-Gvern għall-espropjazjoni tal-art, bl-argument li fis-sena 1968 l-passaġġ kien diġa jidher kif inhu eżistenti. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkuntatja lill-Avukat tal-Kunsill biex jikteb tali ittra. |
| | | |
| ***29.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 29.5.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li:<br>• jeħtieġ li l-Kunsill jieħu ħsieb is-soft areas u l-ġonna, għax dawn jinsabu kollha b'ħaxix selvaġġ u ħmieġ.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb lill-kuntrattur biex jieħu azzjoni kemm jista jkun malajr u ssir laqgħa oħra miegħu u jitwaqqaflu l-pagamenti. Kien hemm qbil |

| | | |
|---|---|---|
| | | li fl-email li tinkiteb jingħad li jekk ser dan l-atteġjament ser jitkompla, mhux ser isiru aktar pagamenti.<br>• Xogħol ta' knies ilu ġimgħat ma' jsir fl-awata ta' Triq Matteolo Saliba u San Martin. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur. |
| | | |
| 28.5.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri staqsa :<br>• fuq il-punt tal-gabbani tal-festa - Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-aħħar seduta tqajjem il-punt fuq gabbani fil-festi u r-risposta li l-Kunsill ħa mingħand l-avukat hi : ***kemm-il darba l-ispazju li fih ser jalloka l-posti jkun l-istess spazju li diga' kien qed ikun okkupat minn dawk il-bejjiegha b'licenzja li kellhom qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti (1 ta' Ġunju 2002), il-Kunsill Lokali ghandu jaghti precedenza lil dawk il-bejjiegha li jarmaw fl-istess posti fejn ikunu ilhom dan l-ahhar zmien jarmaw.***<br>Il-Kunsill irid jiċċekja mal-MTA jekk is-sidien tal-gabbani għadhomx l-istess nies tas-sena 2002.<br>• Fuq il-proġett tal-Erasmus din is-sena telgħu sqallija 4 żgħażagħ u l-proġett li jmiss huwa f'Jannar ġewwa Porto, diġa hemm żagħżugħ miż-Żurrieq interessat.<br>• Il-mobile app tlestiet u jixtieq li jsib persuna professjonali li tara l-kontenut u jinqaleb għall-ingliż. Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard offriet li tagħmel ix-xogħol hi, volontarjament. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>F'dan il-punt il-Kunsillier Kaydem Schembri ħareġ mis-seduta ( ħin 20:05) |
| | | |
| 29.5.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard kienet ressqet proposta biex jiġu installati poles b'buttuna, li tintuża għal raġunijiet ta' emerġenza mal-għassa taż-Żurrieq,.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara l-proposta tal-Kunsillier Tiffanny Ann Attard, tkellmet mad-Deputat Kummissarju permess ta'email. Id-Deputat Kummissarju qal li skont statistika li għandhom dwar l-intercomps li b'kollox ma' Malta hawn 43 u 10 biss jitużaw. Minn dawn l-10 darbiet l-istatistika turi li madwar 3 biss kienu rapporti relatati ma' xogħol tal-Pulizija.<br><br>Kien hemm qbil li wara r-risposta li l-Kunsill ingħata, peress li mill-istatistika tali installazzjoni ma kienetx intużat ħafna, issa, l-Kunsill ħa d-deċiżjoni li jirtira t-talba. |
| | | |
| | | |
| 29.5.4 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• biex jissewwew partijiet mis-service road u jitnaddfu l-konki ta' Vjal il-Blue Grotto mill-ħaxix selvaġġ u l-ħmieġ.<br>• Biex tinstab art, li tista tintuża biex isir open market u kull l-ewwel Ħadd tax-xahar jintrama Farm to Fork. Hi qalet li bħalissa għaddejja kampanja bl-isem Farm to |

| | | |
|---|---|---|
| | | fork, fejn int tista tmur tbiegħ il-prodott tiegħek dirett lill-pubbliku. Dawn ibiegħu ħut, ħaxix, ġbejniet, żjut u prodotti oħra li jagħmlu n-nies stess. Din l-inizjattiva għandha tkun ta inċentiv speċjalment għan-nies tal-lokal. Dawn il-bejjiegħa, irid jkollhom kriterji li jridu jintlaħqu, fosthom li jkollhom l-irċevuti tal-VAT. Kien hemm qbil li l-post ikun fejn il-grawnd tal-football ta' Triq il-Belt Valletta. Kien hemm qbil li naraw x'jirrikjedi biex isir dan u jinbeda l-proċess. |
| | | |
| 29.5.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• staqsa l-proġett tal-pjazza fhix wasal – Is-Segretaarju Eżekuttiv qalet li l-proġett ma bedix, suppost jibda fil-bidu tas-sena d-dieħla.<br>• Hemm persuni li qed tħammeġ fi Triq Dun Nard Mallia, ser jingħataw dettalji ħalli jiġi rrappurtat il-każ.<br>• Triq Santa Klementina hemm bżonn double yellow line ma' garage Santa Katarina. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Triq Zakkarija Ronkali tinsab fi stat diżastrus għax it-triq għadha mhix iffurmata. Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Infrastructure Malta.<br>• Staqsa fuq Dar Mattia Preti peress li dieħel l-ilma fid-dar ta' taħt is-sit. Is-Sindku qalet li qed jinġabru stimi tal-aluminium biex jinbidel is-saqaf ta' kamra eżistenti.<br>• Biex issir bollard fi Triq San Nikola ma' dar li qed ikollha ħafna ħsarat lill-faċċata tar-residenza. Kien hemm qbil li ssir waħda dejqa tal-ħadid u titħallas minn min qed jitlobha. |
| | | |
| 29.5.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud –<br>• Staqsa biex il-Kunsill ikellem lil sid il-ħanut ta' wara l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, biex ineħħi t-tabella li għamel.<br>• Biex isiru żewġ sleeping policemen fi Triq Wied Fulija qabel taqbad għal-post tal-kamra tan-nar ta' Santa Katarina. Inġibet petizzjoni. Kien hemm qbil li ssir waħda viċin ir-residenza biss.<br>• Għall-attivita tal-Mixja għal-Mdina inġabru madwar 100 persuna. Il-flus li inġabru ser jingħataw lis-Sorijet tan-Nigret.<br>• L-attivita' tat-13 ta' Diċembru, ser issir skont ir-restrizzjonijiet. |
| | | |
| | | |
| 29.5.7 | | F'dan il-ħin (21:00). Kien hemm qbil unanimu li s-seduta titkompla biex jitressqu l-punti kollha tas-seduta. |
| | | |
| 29.5.8 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn 4 siġriet fil-proġett ta' Triq il-Wied. Kien hemm qbil li jiġu ordnati.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fid-21:05. |

| | | |
|---|---|---|
| 29.5.9 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• li hemm bżonn patching fi Triq il-Kbira. Is-SE qalet li x-xogħol ordnat li jsir mill-ħaddiema tal-PW. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntratt tal-patching li l-Kunsill kellu ma' Elles Urban services, skada f'Novembru u bħalissa l-Kunsill jinsab fi ftehim mal-PW biex jibdew jagħmlu x-xogħol huma.<br>• Fi Triq il-Ħaddiema hemm bżonn li jsiru double yellow lines u parkeġġi fit-triq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq il-Kbira - biex isir parkeġġ ieħor quddiem il-parkeġġ tal-persuni b'diżabilta. Ma kienx hemm qbil minħabba d-djuq tat-triq.<br>• Triq il-Qroll tiddejjaq l-bankina u jsir parkeġġ minflokha. Kien hemm qbil li l-każ jiġi mitkellem mal-perit tal-Kunsill.<br>• Hawn nies qed jgħalqu t-toroq mingħajr permess biex jaħdmu b'makkinarju kbir. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-Kunsill ikun mgħarraf li hemm xi persuni li qed jaħdmu mingħajr permess, isir rapport l-għassa u lill-uffiċċjali tal-komunita.<br>• Hawn sqaqin qedgħin ikunu ostakolati b'vetturi pparkjati. Il-Kunsill m'għandux backing mill-għassa tal-pulizija. Kien hemm qbil li ġaladarba jkun hawn il-community policeman is-sitwazzjoni tkun aħjar. |
| | | |
| ***29.6*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 29.6.1 | | Ma kienx hemm rapporti x'jiġu approvati. |
| | | |
| ***29.7*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| **29.7** | | **Data għal-laqgħa Annwali tal-Lokalita'** |
| | | |
| **29.7.1** | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fis-seduta li jmiss ser tkun inkorporata ukoll il-laqgħa annwali. Kien hemm qbil din issir fil-17:00. |
| | | |
| ***29.8*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| | | |
| 29.8a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• biex isir bank minflok il-bus shelter li inqala minn Triq il-Bronja. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-Perit biex jinbena shelter minħabba t-tfal tal-iskola.<br>• biex issir bollard fi Triq l-Inginiera ma' atba ta' dar, minħabba l-ħsara li qed jgħamlulha l-vetturi. Kien hemm qbil li ssir u titħallas mis-sid tad-dar.<br>• Resident f'Misraħ il-Karmelitani k/m Triq il-Miżieb qed jitlob għall- bollards fil-kantuniera tad-dar tiegħu, fuq il-bankina. Ma kienx hemm qbil, ġaladarba fil-post hemm bankina li tipproteġi lill-propjeta.<br>• Kuntrattur ġie fil-Kunsill biex jitlob permess ta' tower crane fi Triq il-kittinija, u laħaq għamel il-konkos qabel għaddejt it-talba fis-seduta. Dan it-tower crane |

| | | |
|---|---|---|
| | | infurmata li ser idum bejn 6 xhur u 8 xhur. Lir-residenti tal-akwata tkellem magħhom. Il-Kunsilliera Dino Bonnici u Kyle Mifsud ma qablux li t-tower cranes għandhom isiru fit-toroq ġaladarba jkollhom aċċess/possibilta, biex ipoġġuh ġol propjeta tagħhom.<br>• Kuntrattur ieħor qed jitlob permess ta' tower crane, fi Triq San Martin, ġol-parkeġġi li hemm fin-nofs. Dan il-permess qed jitolbu għal madwar 10 xhur.<br>• Inġibu tliet stimi fuq l-ikla tal-Milied u l-aħjar offerta kienet ta' Restaurant Don Berto – Vittoriosa. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill iridx jistieden mill-konsulent tal-Kunsill għall-PA mal-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Persuna trid tpoġġi gabbana tal-ikel fejn il-Mitħna tax-Xarolla għal xahar sħiħ. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| 29.8a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser jinfetħu toroq ġodda lejn Sqaq it-Torri u l-Kunsill qed jintalab biex jgħati l-ismijiet.<br>Dawn huma l-ismijiet li ġew approvati li jissemmew, u għandhom jingħataw għall-approvazzjoni tal-Kumitat ismijiet tat-toroq:<br>• Triq Costantino Farrugia<br>• Triq Salvu Saliba<br>• Triq Remig Sacco<br>• Triq Dun Nazzareno Tonna<br><br>Issa li sqaq it-torri m'għadux sqaq għandu jingħata isem ta' Triq. |
| | | |
| **29.9** | | **Aġġudikazzjoni ta' Tender – Printing services of stationery and printed material PRT67/01/21** |
| | | |
| 29.9.1 | | It-tender infetħet fid-29 ta' Ottubru, 2021 u kien hemm dawn l-offerenti: Communique Ltd; Adverteyes Ltd, Outlook Coop; u Yama Yami Ltd.<br>Kien hemm qbil li ġaladarba l-offerti huma kollha konformi, t-tender tingħata lill-orħos offerent. |
| ***29.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 29.10.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Nofsinhar numru 52 u 53. |
| | | |
| ***29.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 29.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' **€51,646.29** |

| | | |
|---|---|---|
| | | **Kien hemm qbil li lill-Wilson Mifsud jinqatalu nofs l-ammont tal-pagament ta' servizz li suppost ta f' Ottubru, fuq xogħol ta' soft areas u ġonna, minħabba l-ilmenti li jitressqu f'kull seduta ta' żamma ħażin tal-ġonna u soft areas. (numru 29)**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kyle Mifsud u Marisa D'Amato. |
| | | |
| ***29.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 29.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-22:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 15ta' Diċembru, 2021 fil-5:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 15 ta' DIĊEMBRU, 2021

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**